# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40

Data tal-laqgħa: 13 ta' Lulju, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Carl Grech 06.35p.m. |
| | Mark Azzopardi |
| Skużati | Christopher Fenech |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Josmar Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba.

**40/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**40/01/01** Is-Sindku qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li Sur Fenech għandu jiġi skużat.

**40/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 39**

**40/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**40/02/02** **Para 39/02/02:** Fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza qed nistennew minn TM.

**40/02/03** **Para 39/02/03:** Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija.

**40/02/04** **Para 39/02/05:** Il-ħaddiema mid-Direttorat tat-toroq bdew ix-xogħol sabiex isir *culvert* fi Triq San Nikola.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**40/02/05** **Para 39/02/07:** Ix-xogħol tal-pilantri sar.

**40/02/06** **Para 39/02/08:** Il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti rigward l-immaniġġjar ta' traffiku ħa ssir f'Settembru.

**40/02/07** **Para 39/02/09:** Fuq ir-*Revised Street Light Program*, it-tender għadu ma ġiex aġġudikat.

**40/02/08** **Para 39/02/10:** Il-Kunsill bagħat ittra-e lil TM **f**uq it-talba li għamel resident li joqgħod fi Triq Ferdinand li jixtieq bordura man-naħa t'isfel tal-faċċata.

**40/02/09** **Para 39/02/11:** Fuq iż-żewġ fanali li kelna nneħħew minn mal-knisja, wieħed minnhom diġà sibnilu post. Fuq l-ieħor qed nistennew risposta mingħand il-Kappillan.

**40/02/10** **Para 39/02/12:** Il-fuljett tal-Kunsill sar.

**40/02/11** **Para 39/02/20:** Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jsiru 4 *gym equipment* fi Ġnien il-Paċi.

**40/02/12** **Para 39/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ritratt tal-*meter* lil ARMS sabiex ikunu jistgħu jibagħtulna l-kont tas-*Searchlight Battery.*

**40/02/13** **Para 39/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet fejn talbet permess sabiex it-Torri tas-Semaforu jkun jista' jintuża sabiex isiru esibizzjonijiet fosthom tal-fotografija.

**40/02/14** **Para 39/03/02:** Fuq is-suġġeriment li tittranġa l-bankina ta' ħdejn l-ATM sabiex issir parking bay, il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mir-Road Servicing Ltd.

**40/02/15** **Para 39/05/16:** Skont il-Perit tal-Kunsill, il-permess li ħareġ mill-MEPA fuq l-applikazzjoni PA/02721/13 *Proposed extension to existing fireworks factory,* Wied id-Dis, Triq ix-Xgħajrat, Għargħur huwa konformi mal-liġi. Fil-frattemp ħa nitolbuh jibgħatilna r-risposta bil-miktub.

**40/02/16** **Para 39/05/21:** Il-Kunsill qabel li minn Settembru jibdew isiru l-lezzjonijiet tal-Pilates.

**40/02/17** **Para 39/05/25:** Is-Sindku kien ressaq li tinxtara tabella li turi li jistgħu jaqgħu l-ġebel għal Triq San Brinkat. Din it-tabella għadha ma saritx.

**40/02/18** **Para 39/05/26:** Fuq is-suġġeriment li jsir *culvert* fi Sqaq Warda dan ix-xogħol għadu pendenti.

**40/02/19** **Para 39/05/27:** Fuq it-talba li ssir bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra, il-Kunsill qabel li din issir wara li jlestu x-xogħlijiet l-ENEMALTA.

**40/02/20** **Para 39/05/28:** Fuq it-talba li jsiru do*uble yellow lines* ħdejn 20, fi Triq K. Zarb, il-Kunsill qabel li mhux ħa jsiru.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**40/02/21** **Para 39/05/30:** Fuq it-tabella *Do Not Obstruct* (għal Triq San Ġwann) ħa teħel fil-ġranet li ġejjin.

**40/02/22** **Para 39/05/31:** It-tabella bl-isem ta' Triq Stiefnu Zerafa għadha pendenti.

**40/02/23** **Para 39/05/32:** It-tabella bl-isem ta' Sqaq tax-Xaqquf ħa teħel il-ġimgħa d-dieħla.

**40/02/24** **Para 39/05/34:** L-attività tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann saret u kienet suċċess.

**40/02/25** **Para 39/05/35:** Fuq il-*gates* bil-firrol għal Ġnien il-Paċi x-xogħol għadu ma sarx. Barra minn hekk, għandna nirċievu stima għal *gates* tal-injam biex isiru kull fejn hemm xi taraġ.

**40/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**40/03/01** Is-Sindku għamel referenza għal ittra ta' introduzzjoni mis-Sur Silvio Parnis.

**40/03/02** Is-Sur Aquilina tkellem dwar l-attivitajiet relatati ma' Jum il-Għargħur, żied jgħid li l-attendenza kienet numeruża u li għal darba oħra kienu ta' suċċess.

**40/03/03** Is-Sindku qal li ħa ssir laqgħa mal-Pulizija nhar it-Tlieta, 8 ta' Awwissu rigward il-Festa.

**40/03/04** Is-Sur Aquilina ressaq li jsiru 2 *billboards* sabiex nippromwovu l-Festa tar-raħal. Kien hemm qbil unanimu.

**40/03/05** Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir bibita tal-festa nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu fi 8:30p.m. ġewwa t-Torri tas-Semaforu. Kien hemm qbil unanimu.

**40/03/06** Is-Sur Aquilina rringrazzja lis-Sur Josmar Camilleri li serva bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex toħroġ sejħa għal Ambaxxatur / Ambaxxatriċi Vot 16.

**40/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**40/04/01** Ma kienx hemm.

**40/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**40/05/01** Il-Kunsill irċieva *quotation* mis-Sur Gaetano Buttigieg għal formoli tal-permessi – Kien hemm qbil unanimu.

**40/05/02** Il-Kunsill irċieva *quotation* mis-Sa May Vassallo għal kostumi – Ma kienx hemm qbil.

**40/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**40/05/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA – Notification of Decision Notice – PA/00020/17.

**40/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Julie Cassar fuq PA/05041/17 – Il-Kunsill qabel

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

li noġġezzjonaw.

**40/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-JGC rigward *fitness equipment.*

**40/05/07** Il-Kunsill irċieva n-*No Objection* mit-TM sabiex jiġu installati t-*Traffic Lights* fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li niktbu ittra-e lil Dr Ian Borg sabiex ningħataw fondi għal dan il-proġett.

**40/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA fuq PA/05367/17 (Site at Lanciritka (area) Triq l-Għaxqet l-Għajn).

**40/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**40/05/10** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Anne Marie Dimech rigward Triq il-Wiesgħa.

**40/05/11** Il-Kunsill irċieva ittra mill-MEPA – PA/05367/17 (Site at Lanciritka (area) Triq l-Għaxqet l-Għajn).

**40/05/12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Paul Gatt rigward Konferenzi Internazzjonali ta' interess kbir.

**40/05/13** Ġiet innutata Ċirkulari AKL 41/2017 – Prijoritajiet fil-Qasam tal-Gvern Lokali għas-Sentejn li ġejjin.

**40/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Jody Magri – *Bicycle Rack Installation Fund Launch.*

**40/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Alex Mercieca rigward it-Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu.

**40/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**40/05/17** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-TM rigward talba għar-*Reserved Parking Bay* fi Sqaq Charlotte.

**40/05/18** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA – *Notification on Request for Deferral* – PA/03592/16 (Site at, Għargħur Road, Sqaq l-Imnieqa, Naxxar). Id-data ta'deċiżjoni ta' din l-applikazzjoni hi 20-07-2017.

**40/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA fuq PA/03336/17 (Site at Triq l-Għaxqet l-Għajn, Ġebel San Pietru).

**40/05/20** Ġiet innutata Ċirkulari AKL 42/2017 Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' attivitajiet.

**40/05/21** Fuq it-talba ta' Sur Raymond Pullicino li titbaxxa l-bankina sabiex tidħol il-karozza – Il-Kunsill qabel li ssir site-visit.

**40/05/22** Fuq it-talba ta' Sur Pinu Fenech sabiex isir *double yellow line* fi Triq Kromb il-Baħar –

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Kien hemm qbil.

**40/05/23** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Patrick Calleja sabiex *isir double yellow line* fi Triq il-Gnien quddiem d-dar numru 1 – Il-Kunsill qabel li jsir *yellow line* mir-*reserve* sa dar numru 1.

**40/05/24** Fuq it-talba ta' Sur Ninu Fenech li jsir *yellow line* quddiem il-bieb tad-dar tiegħu fi Vjal ir-Repubblika - Kien hemm qbil.

**40/05/25** Fuq it-talba ta' Sur Ġanni Spiteri għal 3 jardi konkos sabiex jirranġa Sqaq il-Ferħa – Dawn ġew approvati.

**40/05/26** Fuq it-talba li jsiru żewġ tabelli bl-isem ta' Triq Għaxqet l-Għajn – Il-Kunsill qabel li l-ewwel irridu naraw fejn sa jeħlu u li filkas isiru taċ-ċeramika.

**40/05/27** Fuq it-talba ta' Sur Ninu Tanti sabiex isir *double yellow line* quddiem l-isqaq ta' fejn joqgħod - Kien hemm qbil.

**40/05/28** Fuq it-talba ta' Sur Christian Camilleri li ssir *sleeping police* quddiem Sqaq Sofija - Ma kienx hemm qbil.

**40/05/29** Fuq it-talba sabiex isir *maintenance* fuq l-*sleeping police* fi Triq in-Naxxar - Kien hemm qbil.

**40/05/30** Fuq is-suġġeriment li jitneħħa l-*stage* tax-Xwieki – il-Kunsill qabel li jitneħħa u minflok jinbena ħajt b'4 filati.

**40/05/31** Is-Sur Giljan Aquilina ressaq li fil-Ġnien ta' Żagħruna jkun hemm ukoll *child play equipment* għat-tfal iż-żgħar. Il-Kunsill approva li flok il-*bear-bin* issir il-Mudell Carrie.

**40/05/32** Is-Sur Giljan Aquilina ressaq li jsiru 4 vleġeġ fi Triq il-Ġnien k/m Triq Caravaggio. Dawn ġew approvati.

**40/05/33** Is-Sur Aquilina ressaq li l-isem ta' Sqaq il-Ħofra jiġi f'post prominenti. Kien hemm qbil unanimu.

**40/05/34** Is-Sindku ressaq li ssir mera fi Triq Dun Karm u mera fil-junction ta' Triq San Gwann k/m Triq l-Isqof Gargallo. Dawn ġew approvati.

**40/05/35** Is-Sur Mario Gauci ressaq li l-mera ta' Triq Santa Katerina trid iddur u titnaddaf. Kien hemm qbil unanimu.

**40/05/36** Il-Kunsill qabel li nibagħtu ħaddiem tal-Kunsill jaqla' t-tabelli li saru mill-Medicine Chest Pharmacy peress li dawn saru bla permess.

**40/05/37** Is-Segretarju Eżekuttiv proponiet li jsir *Risk Assessment Report*, kien hemm qbil unanimu.

**40/05/38** Il-Kunsill qabel li jagħlaq il-kontijiet kollha li għandu fil-bank HSBC u li l-flus jiġu

trasferiti mal-bank APS.

**40/05/39** Is-Sa. Maria-Elizabeth Azzopardi temmiet iż-żmien ta' prova, għaldaqstant is-Sindku propona li tilħaq Assistant Principal *back-to-back* ma' Sa. Maria Tanti. Kien hemm qbil unanimu.

**40/05/40** Is-Sindku propona li Sa. Alexia Muscat tiżdied *notch* mas-salarju. Kien hemm qbil unanimu.

**40/05/41** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex torganizza laqgħa ma' Sur Stephen Mallia (tal-LESA).

**40/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**40/06/01** Ma kienx hemm.

**40/07** **Aġġudikazzjoni tat-Tender – *Period Contract for Resurfacing and Ancillary Works in Ħal Għargħur***

**40/07/01** Fuq l-Aġġidukazzjoni ta' Tender – *Period Contract for Resurfacing and Ancillary Works in Ħal Għargħur*, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil Road Servicing Ltd. peress li r-rati tagħhom kienu l-aktar vantaġġjużi.

**40/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**40/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**40/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**40/09/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 21 ta' Awwissu 2017 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**